PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.6.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1834/2009, imressqa minn Konstantinos Lazaridis, ta' nazzjonalità Griega, dwar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju 'ne bis in idem'**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jgħid li qorti Franċiża sabitu ħati ta' xi ħaġa li fir-rigward tagħha, qorti Griega preċedentement kienet iddikjaratu innoċenti u li, minħabba ambigwitajiet fil-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam partikolari, ser ikollu jiskonta sentenza f'ħabs fi Franza. Il-petizzjonant, f'dan ir-rigward, jirreferi għall-fatt li d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri ma tipprovdix liċ-ċittadini biċ-ċertezza ta' konformità mal-prinċipju 'ne bis in idem' mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri. Il-petizzjonant għalhekk jitlob lill-Parlament Ewropew biex jieħu l-passi neċessarji biex jiżgura li tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas legali serju.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-23 ta' Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda setgħa biex tintervieni fl-operat ta' kuljum tas-sistema tal-ġustizzja kriminali ta' Stat Membru individwali. Għaldaqstant, f'dan il-każ speċifiku, biss Franza u l-Greċja huma responsabbli biex jivvalutaw mil-lat legali l-każ tal-petizzjonant.

Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin għall-informazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

Fl-Unjoni Ewropea, ir-regola vinkolanti li tirreferi għall-prinċipju "ne bis in idem" f'materji kriminali hija stipulata fl-Artikoli 54 sa 58 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehima ta' Schengen. Din id-dispożizzjoni ġiet interpretata f'ħafna okkażjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, li b'mod partikolari ddeċidiet li d-dikjarazzjonijiet ta' innoċenza jinvolvu wkoll effett "ne bis in idem" għall-Unjoni kollha – naturalment sa fejn it-tieni proċedura tirrigwarda l-istess fatti (ara s-sentenza tal-Qorti tat-28 ta' Settembru 2006 fil-Kawża C-150/05, Van Straaten).

Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/948/JHA dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42) għandha l-għan li tipprevieni sitwazzjonijiet fejn l-istess persuna tkun suġġetta għal proċedimenti kriminali paralleli fi Stati Membri differenti fir-rigward tal-istess fatti. Dan fil-fatt ikun jinvolvi r-riskju li jinqatgħu żewġ sentenzi finali fir-rigward tal-istess fatti, bi ksur tal-prinċipju "ne bis in idem". L-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Deċiżjoni Kwadru sal-5 ta' Ġunju 2012.

Fir-rigward tal-prinċipju "ne bis in idem", b'mod partikolari l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1) jistipula – taħt l-intestatura "Raġunijiet għall-obbligazzjoni li ma jiġix esegwit mandat ta' arrest Ewropew" li: "L-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem "l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi") għandha tiċħad li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew fil-każijiet li ġejjin: 2. jekk l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi hi informata li l-persuna rikjesta ġiet finalment ġudikata minn Stat Membru fir-rigward tal-istess atti previst li, fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet mgħoddija jew qed tiġi mgħoddija bħalissa jew ma tistax tiġi esegwita iżjed taħt il-liġi tal-Istat Membru li jagħti s-sentenza". Din ir-raġuni obbligatorja għaċ-ċaħda tippresupponi li l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tkun informata dwar is-sentenza preċedenti, li fl-aktar każ probabbli tkun invokata mill-persuna kkonċernata jew l-avukat tagħha.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà nstabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skont il-liġi.

*Konklużjonijiet*

Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda kompetenza li tagħti segwitu lil dan il-każ partikolari. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jista' jirrakkomanda lill-petizzjonant li jitlob konsulenza legali dwar ir-rimedji disponibbli skont il-liġi Franċiża.